IR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/51

tat-22 ta' Jannar 2021

li jawtorizza bidla fil-kundizzjonijiet tal-użu tal-ikel il-ġdid "*trans*-resveratrolu" skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2015/2283 jipprevedi li l-ikel ġdid awtorizzat u inkluż fil-lista tal-Unjoni biss jista' jitqiegħed fis-suq fl-Unjoni.

(2) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/2283, ġie adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ([2]) li jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid awtorizzat.

(3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1190 ([3]) awtorizzat it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni tat-*trans*-resveratrol bħala ingredjent ġdid tal-ikel skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), biex jintuża fis-supplimenti tal-ikel kif iddefiniti fid-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), fil-forma ta' kapsula jew ta' pirmla, għall-popolazzjoni adulta.

(4) Fil-31 ta' Jannar 2020, il-kumpanija DSM Nutritional Products Europe ("l-applikant") ressqet applikazzjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283 biex jinbidlu l-kundizzjonijiet tal-użu tal-ikel ġdid "*trans*-resveratrolu". L-applikant talab li jinbidlu l-formati għall-kunsinna tas-supplimenti tal-ikel li fihom l-ikel il-ġdid *trans*-resveratrolu, b'mod partikolari li jitneħħew bħala l-uniċi formati permessi tas-supplimenti tal-ikel kif elenkati fil-lista tal-Unjoni, il-forom speċifiċi ta' kapsuli jew pirmli bħala formati għall-kunsinna.

(5) L-applikant huwa tal-fehma li hemm bżonn li jinbidlu l-formati għall-kunsinna tas-supplimenti tal-ikel li fihom it-*trans*-resveratrolu, billi b'hekk ikunu permessi jintużaw forom oħra ta' *trans*-resveratrolu fis-supplimenti tal-ikel barra l-kapsuli jew il-pirmli.

(6) Attwalment hemm għadd ta' oġġetti ta' ikel ġdid awtorizzat fis-supplimenti tal-ikel u elenkati fil-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid li għalih ma ġewx speċifikati l-formati għall-kunsinna. Għalhekk, jekk jinbidlu l-formati għall-kunsinna tas-supplimenti tal-ikel li fihom it-*trans*-resveratrolu tkun żgurata l-konsistenza fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-użu tas-supplimenti tal-ikel, kif ukoll ikun hemm aktar għażla għall-operaturi tan-negozji tal-ikel biex isegwu l-preferenzi tal-konsumaturi.

([1]) ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 72).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1190 tad-19 ta' Lulju 2016 li tawtorizza t-tqegħid fis-suq tat-*trans*-resveratrol bħala ingredjent tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 196, 21.7.2016, p. 53).

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar l-ikel il-ġdid u l-ingredjenti tal-ikel il-ġdid (ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1).

([5]) Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel (ĠU L 183, 12.7.2002, p. 51).

(7) Il-Kummissjoni ma talbitx opinjoni mingħand l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel f'konformità mal-Artikolu 10(3) billi l-bidla tal-kundizzjonijiet tal-użu tal-ikel ġdid *trans*-resveratrolu bit-taħsir tal-formati speċifiċi għall-kunsinna tas-supplimenti tal-ikel, x'aktarx ma tħallix effetti fuq is-saħħa tal-bniedem. Għalhekk jixraq li jinbidlu l-kundizzjonijiet tal-użu tal-ikel il-ġdid *trans*-resveratrolu biex jiġi awtorizzat l-użu tiegħu fi kwalunkwe forma ta' supplimenti tal-ikel fil-livell massimu awtorizzat preċedentement.

(8) Il-livell massimu ta' *trans*-resveratrolu fis-supplimenti tal-ikel awtorizzat bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1190 u indikat fil-lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid jibqa' l-istess. Il-kunsiderazzjonijiet tas-sikurezza li appoġġaw l-awtorizzazzjoni tat-*trans*-resveratrolu fis-supplimenti tal-ikel għadhom validi u t-tħassir tal-formati speċifiċi għall-kunsinna tas-supplimenti tal-ikel ma toħloqx tħassib dwar is-sikurezza.

(9) Għaldaqstant jenħtieġ li l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 jiġi emendat skont dan.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-entrata fil-lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid awtorizzat, kif previst fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2015/2283, u inkluża fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470, li tirreferi għat-*trans*-resveratrolu, għandha tiġi emendata kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

2. L-entrata fil-lista tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi l-kundizzjonijiet tal-użu u r-rekwiżiti tat-tikkettar stipulati fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Jannar 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470, l-entrata tat-"*Trans*-resveratrolu" fit-Tabella 1 (L-ikel il-ġdid awtorizzat) hija sostitwita b'dan li ġej:

L-ikel il-ġdid awtorizzat	Il-kundizzjonijiet li fihom jista' jintuża l-ikel il-ġdid		Rekwiżiti tat-tikkettar speċifiċi oħrajn	Rekwiżiti oħrajn	Protezzjoni tad-*data*
"*Trans*-resveratrolu	*Il-kategorija tal-ikel speċifikat*	*Il-livelli massimi*	1. Id-denominazzjoni tal-ikel il-ġdid fuq it-tikkettar tas-supplimenti tal-ikel li fihom minn dan l-ikel għandha tkun "*Trans*-resveratrolu". 2. It-tikkettar tas-supplimenti tal-ikel li fihom it-*trans*-resveratrolu għandu jkun fih dikjarazzjoni li min ikun qed jieħu l-mediċini għandu jikkonsma dan il-prodott biss taħt superviżjoni medika."		
	Is-supplimenti tal-ikel kif iddefiniti fid-Direttiva 2002/46/KE maħsubin għall-popolazzjoni adulta.	150 mg/kuljum			